**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 17/12

**Minuti tas-sbatax-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2012.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fit-3.30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); l-membri David Apap, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Grima, Joseph Sultana, Miriam Portelli, Monica Vella, Carmel Saliba, Emanuel Mintoff(membru sostitut) u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u nqraw il-minuti tal-ħmistax u sittax-il-laqgħa liema laqgħa ġiet mħassra minħabba nuqqas ta' quorum. Tqajjem punt mill-minuti tal-15-il laqgħa mis-Segretarju Eżekuttiv rigward il-kwotazzjoni dwar l-istendard bl-istemma tar-Reġjun t' Għawdex, fejn talab lill-membri preżenti sabiex jinfurmaw lir-Reġjun min kien ser jordna stendard. Fontana, Rabat Għawdex, Għarb, Għasri, Għajnsielem, Munxar u Xewkija jixtiequ jordnaw stendard.

Dr Monica Vella qajmet il-punt mill-minuti tas-16-il laqgħa fejn qalet illi għandna titniżżel bħala skużata peress illi kienet tinsab marida. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan.

1. **<u>Korrispondenza</u>**

1.1 Memo 9/2012 rigward tabelli li jwissu li ma jistax isir Tipjip fiż-żoni fejn hemm xi logħob għall-użu tat-tfal. Il-Kumitat Reġjonali qabel illi l-qies tat-tabelli għandu jkun ta' 297 by 420 mm (daqs ta' karta A3).

1.2 Mingħand Aldo Formosa (Segretarju, Kumitat Organizattiv 50 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku jinforma illi l-Kunsilli Lokali jistgħu jixtru 10 kotba għall-prezz ta' €100.

1.3 Mingħand Maurice Caruana (Chairman LES Committee) dwar l-Użu tal-iskips on wheels.

1.4 Mingħand Direttur Gvern Lokali illi l-*Perfomance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv huwa approvat kif rakkomandat mill-Kumitat Reġjonali.

1.5 Memo 7/2012 dwar l-istruttura tar-Riżorsi Umani mal-Kumitat Reġjonali.

1.6 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tiġi preżentata l-istemma tal-Kumitat Reġjonali. Is-segretarju nforma illi dan il-proċess diġa sar u ġa ġie notifikat mid-Dipartiment illi l-istemma hija approvata. Is-Segretarju qajjem dan il-punt mad-Direttur u ġie nfurmat illi dwar il-Kumitat Reġjonali t'Għawdex m'hemmx problema f'dan ir-rigward.

1.7 Mingħand l-Inġinier Renzo Curmi rigward il-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq. F'dan ir-rigward il-President stqarr illi l-Kumitat Reġjonali għad m'għandhux din id-delega mogħtija lilu, għalhekk f'dan l-istadju din il-materja ma tistax tiġi diskussa waqt il-Kumitat Reġjonali.

1.8 Mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jitħallsu l-kontijiet pendenti mal-kumpanija Datatrack. Il-Kumitat Reġjonali ddiskuta din il-materja u għal darboħra wera' d-disapprovazzjoni tiegħu ma kif ġew ippreżentati dawn il-kontijiet u ma jaqbilx mal-ammont dovut. Ir-raġuni prinċipali hija illi s-*service rate* għandha tibda minn 0% minn meta beda s-servizz tad-data track lill-Kumitati Reġjonali. Kulħadd qabel ma din id-deċiżjoni. Is-segretarju ġie nkarigat sabiex jinforma lid-Direttur u lill-kumpanija dwar din id-deċiżjoni.

## 2. Kuntratt dwar il-Provvediment tal-Infurzar Lokali

2.1 Il-President ta rapport dwar il-laqgħa illi saret mas-Sur Kenneth De Martino, rappreżentant tal-Guard and Warden House Services Ltd. fejn reġgħa ntalab sabiex iraħħas il-prezz tal-offerta tiegħu. Qamet diskussjoni dwar jekk il-prezz imraħħas hux biżżejjed sabiex is-sistema tal-infurzar lokali ġewwa Għawdex tkun tista' tkopri lilha nnifisha bid-dħul uniku tagħha jkun mis-sistema tal-infurzar lokali.

2.2 Il-President stqarr illi l-Kumitat Reġjonali għandu l-obbligu illi jmexxi din is-sistema tal-infurzar lokali u f'dan il-mument għandu żewġ għażliet quddiemu illi jew joħroġ l-offerta mill-ġdid jew jagħżel din l-offerta bi prezz ridott.

2.3 F'dan l-istadju s-segretarju nforma lill-membri dwar l-aħħar żviluppi illi seħħew fil-proċess tal-offerti tal-infurzar lokali fir-Reġjuni kollha. Is-segretarju stqarr illi l-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni ġie msejjaħ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jattendi sessjoni mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti dwar investigazzjoni illi bħalissa tinsab għaddejja dwar il-proċess t'aġġudikazzjoni. Għal din is-sessjoni ġew msejħa l-membri kollha tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Kumitati Reġjonali ta' Malta u Għawdex. Huwa nforma lill-membri illi l-Kumitat Reġjonali t' Għawdex kien rappreżentat minnu bħala segretarju tal-bord, David Soler (Uffiċjal Awtorizzat) u George Cremona (jirrapreżenta l-istakeholder Committee) bħala membri fil-bord. Is-segretarju u l-membri għażlu illi ma jagħtu x-xhieda tagħhom fuq pariri tal-avukati.

2.4 Il-membri ħadu nota ta' din l-informazzjoni u ħadu d-deċiżjoni illi l-Kumitat Reġjonali għandu jikkonkludi l-proċess tal-Aġġudikazzjoni mal-Guard and Warden Services Services House Ltd. skont il-prezzijiet ridotti kif preżentati fil-korrispondenza annessa ma dawn il-minuti bħala Annex 2.

## 3. Uffiċju tal-Kumitat Reġjonali

3.1 Il-Kumitat iddiskuta din il-materja. Is-segretarju Eżekuttiv waqt illi wera apprezzament lill-Kunsill tal-Belt Victoria talli offrielu uffiċju temporanju ġewwa l-*premises* tal-Kunsill stqarr illi wasal iż-żmien illi r-Reġjun jaħseb sabiex ikollu uffiċju tiegħu. Waqt illi l-membri qablu dwar dan il-punt qamet diskussjoni dwar jekk uffiċju tar-Reġjun jistax ikun ta' piż finanzjarju fuq l-istess Reġjun.

3.2 Il-President semma illi hu għandu laqgħa skedata għad-29 ta' Frar mal-Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamentari sabiex jiddiskuti l-andament tal-Kumitat Reġjonali. Huwa stqarr illi ser iqajjem dan il-punt mal-Ministru. Sadanittant għandu tibda tħejjija sabiex toħroġ sejħa għall-offerti. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

## 4. Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji

4.1 Is-Sur Daniel Galea, l-*Accountant* tal-Kumitat Reġjonali ingħata permess sabiex ikun jista' jippreżenta r-rapporti finanzjarji tar-Reġjun minn kemm ilu jiffunzjona peress illi l-finanzi tar-Reġjun ser jiġu awditjati mill-Uffiċju Nazzjonali tal-Awditur. L-Accountant stqarr illi għalkemm il-bilanċ preżentat huwa pożittiv wieħed għandu jħares lejn il-problema ta' *cash flow* illi l-Kumitat qed jesperjenza minn mindu daħlet fis-seħħ ir-riforma tal-infurzar lokali.

4.2 Ir-Rapporti ġew approvati u iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u l-President.

## 5. Approvazzjoni ta' Pagamenti

5.1 Il-Kumitat approva skeda numru 11 illi tammonta għall-€13,473.77 kif annessi ma dawn il-minuti bħala Annex 1.

## 6. Materji Oħra

6.1 Il-President ta rapport dwar laqgħa illi hu bħala membru tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellu mal-Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamentari. Huwa stqarr illi qajjem żewġ punti rigward l-*administration fee* illi l-Kunsilli Lokali jieħdu miċ-ċitazzjonijiet kif ukoll rigward l-iskemi illi jinħarġu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

6.2 Il-membri preżenti ddiskutew illi fid-dawl illi tlett membri mhux ser ikunu jifformaw parti mill-Kumitat Reġjonali, l-ikla annwali għandha ssir f'ambitu ta' ringrazzjament. Id-data u post għandha tiġi kommunikata lill-membri mis-segretarju eżekuttiv.

6.3 Peress illi ma kienx materji oħra x'jiġu diskussi l-laqgħa spiċċat fil-5.15pm.

| ________________ | ________________ |
|---|---|
| Samuel Azzopardi<br>President<br>Reġjun Għawdex | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |